SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

14 ta' April 2021 *

"Fond ta' Koeżjoni u FEŻR – Artikolu 139(6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 – Applikazzjoni *ratione temporis* ta' rata ta' kofinanzjament miżjuda adottata wara t-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet – Aspettattivi leġittimi – Obbligu ta' motivazzjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba"

Fil-Kawża T-543/19,

Ir-Rumanija, irrappreżentata minn E. Gane, A. Rotăreanu u M. Chicu, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Armenia, S. Pardo Quintillán u L. Mantl, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 4027 final tat-23 ta' Mejju 2019, fir-rigward tal-approvazzjoni tal-kontijiet u tal-kalkolu tal-ammont imħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għas-sena finanzjarja 2017/2018 u għall-programm operattiv CCI 2014RO16M1OP001 "Infrastruttura kbira", billi tiġi applikata rata ta' kofinanzjament għall-ewwel u għat-tieni assi prijoritarju ta' dan il-programm operattiv ta' 75 %, u mhux ta' 85 %

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża),

komposta minn M. van der Woude, President, A. Kornezov (Relatur), E. Buttigieg, K. Kowalik-Bańczyk u G. Hesse, Imħallfin,

Reġistratur: P. Cullen, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-18 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2015) 4823 final tad-9 ta' Lulju 2015 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015"), adottata abbażi tal-Artikolu 29(4) u tal-Artikolu 96(10) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140 u fil-ĠU 2019, L 66, p. 6), kif emendat, il-Kummissjoni Ewropea approvat ċerti elementi tal-programm operattiv CCI 2014RO16M1OP001 "Infrastruttura kbira" bil-ħsieb li tappoġġja l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni fuq il-bażi tal-objettiv li jikkonċerna investimenti għat-tkabbir u l-impjiegi fir-Rumanija għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 (iktar 'il quddiem il-"programm operattiv").

2 Il-programm operattiv kien jinkludi tmien assi prijoritarji, fejn l-ewwel wieħed kien jikkonċerna t-titjib tal-mobbiltà permezz tal-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u tal-metrò, u kien marbut mal-Fond ta' Koeżjoni, u t-tieni wieħed kien jikkonċerna l-iżvilupp ta' sistema ta' trasport multimodali, ta' kwalità, sostenibbli u effiċjenti, u kien marbut mal-FEŻR. L-Artikolu 4 (1) u (2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015, moqri flimkien mal-Annessi I u II ta' din l-istess deċiżjoni, stabbilixxa l-ammont massimu tal-għajnuna mill-Fond ta' Koeżjoni u l-FEŻR matul il-perijodu kopert mill-programm operattiv. L-Artikolu 4(3) tal-imsemmija deċiżjoni, moqri flimkien mal-Anness II tagħha, stabbilixxa r-rata ta' kofinanzjament għaż-żewġ assi prijoritarji msemmija iktar 'il fuq għal 75 % u ppreċiża li din ir-rata tapplika għall-ispejjeż pubbliċi eliġibbli.

3 Fis-6 ta' Lulju 2018, l-awtoritajiet Rumeni bagħtu l-aħħar talba għal ħlas intermedju dwar il-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018, konformement mal-Artikolu 135(2) tar-Regolament Nru 1303/2013.

4 Fid-9 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw talba għal modifika tal-programm operattiv, li kienet akkumpanjata minn programm operattiv rivedut.

5 Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni C (2018) 8890 finali tat-12 ta' Diċembru 2018 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018"), adottata abbażi tal-Artikolu 96(10) tar-Regolament Nru 1303/2013, il-Kummissjoni mmodifikat diversi elementi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015. B'mod partikolari, hija mmodifikat l-Anness II ta' din l-aħħar deċiżjoni, billi żiedet ir-rata ta' kofinanzjament għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv għal 85 %.

6 Matul laqgħa li saret fil-15 ta' Jannar 2019 bejn l-awtoritajiet Rumeni u l-Kummissjoni, l-awtoritajiet Rumeni talbu l-applikazzjoni, għas-sena finanzjarja 2017/2018, tar-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018, minflok ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015. Bi tweġiba għal din it-talba, il-Kummissjoni indikat li l-linji gwida li jinsabu fid-dokument intitolat "Linji gwida għall-Istati Membri dwar il-preparazzjoni, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet", fil-verżjoni stabbilita mill-Kummissjoni fit-3 ta' Diċembru 2018 (iktar 'il quddiem il-"gwida Egesif"), jipprekludu l-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018 għall-imsemmija sena finanzjarja.

7 Fil-15 ta' Frar 2019, l-awtoritajiet Rumeni bagħtu lill-Kummissjoni l-kontijiet tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018, skont l-Artikolu 138 (a) tar-Regolament Nru 1303/2013. Fl-1 ta' Marzu 2019, wara talba tal-Kummissjoni intiża sabiex tinkiseb informazzjoni supplimentari, l-awtoritajiet Rumeni bagħtu lill-Kummissjoni verżjoni riveduta tal-imsemmija kontijiet.

8 Permezz ta' ittri tat-8 ta' Marzu u tat-13 ta' Mejju 2019, l-awtoritajiet Rumeni tennew quddiem il-Kummissjoni t-talba tagħhom dwar l-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018.

9 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni kkonfermat lill-awtoritajiet Rumeni li r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operazzjonali ma kinitx applikabbli għas-sena finanzjarja 2017/2018. B'mod partikolari, hija spjegat li, fil-kuntest tal-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u skont il-linji gwida tal-gwida Egesif, kull modifika ta' rata ta' kofinanzjament tapplika biss għas-snin finanzjarji kurrenti u futuri, skont il-prinċipju ta' annwalità tal-kontijiet.

10 Permezz tad-Deċiżjoni C (2019) 4027 finali, tat-23 ta' Mejju 2019, innotifikata lir-Rumanija fl-24 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni, minn naħa, approvat il-kontijiet tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018, konformement mal-Artikolu 139(2) u (3) tar-Regolament Nru 1303/2013, u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-kontijiet approvati, ikkalkolat l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEŻR għall-imsemmija sena finanzjarja, konformement mal-Artikolu 139(6) tal-istess regolament (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Mill-anness ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li, meta kkalkolat l-imsemmi ammont, il-Kummissjoni applikat ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-2015.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

11 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Lulju 2019, ir-Rumanija ppreżentat dan ir-rikors.

12 Fit-18 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

13 Ir-replika ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-6 ta' Diċembru 2019. Il-kontroreplika ġiet ippreżentata f'dan tal-aħħar fil-21 ta' Jannar 2020.

14 Fit-13 ta' Mejju 2020, il-President tal-Qorti Ġenerali assenja din il-kawża lil Imħallef Relatur ġdid, skont l-Artikolu 27(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

15 Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-10 ta' Ġunju 2020, il-Qorti Ġenerali indirizzat, bħala miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet, li wieġbu għalihom fit-termini stabbiliti.

16 Instemgħu is-sottomissjonijiet tal-partijiet u r-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet orali tal-Qorti Ġenerali Istanza waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020.

17 Ir-Rumanija talbet, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni applikat rata ta' kofinanzjament ta' 75 %, u mhux ta' 85 %, għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-Rumanija għall-ispejjeż.

Id-dritt

19 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Rumanija tippreżenta żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 120(3) u tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 120(3) u tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 kif ukoll tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

20 L-ewwel motiv jinkludi żewġ partijiet, l-ewwel waħda bbażata fuq ksur tal-Artikolu 120(3) u tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 u, it-tieni waħda, fuq ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-Artikolu 120(3) u l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013.

21 Ir-Rumanija ssostni, essenzjalment, li l-applikazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tar-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operazzjonali, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-2015, minflok ir-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018, tmur kontra l-Artikolu 120(3) u l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013. Skont dan l-Istat Membru, ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEŻR għal sena finanzjarja partikolari, skont l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013, hija dik fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kontijiet relatati ma' din is-sena finanzjarja, u mhux dak fis-seħħ fid-data tal-preżentazzjoni, mill-Istat Membru kkonċernat, tal-aħħar talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għall-imsemmija sena finanzjarja, kif ikkonstatata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, f'dan il-każ, peress li l-kontijiet tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018 ġew approvati fit-23 ta' Mejju 2019, hija r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % li kellha tiġi applikata għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, peress li din ir-rata kienet ġiet introdotta fit-12 ta' Diċembru 2018 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

22 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Rumanija.

23 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-rata ta' kofinanzjament iffissata inizjalment permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm operattiv tista' tiġi modifikata sussegwentement, skont l-Artikolu 30(1) u (2) u l-Artikolu 96(10) tar-Regolament Nru 1303/2013. F'dan il-każ, skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-rata ta' kofinanzjament għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv żdiedet minn 75 % sa 85 % permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

24 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament Nru 1303/2013 ma jinkludi ebda dispożizzjoni speċifika li tirregola l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' modifika tar-rata ta' kofinanzjament.

25 B'mod partikolari, l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, li abbażi tiegħu ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, jillimita ruħu li jipprevedi li r-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità għandha tiġi applikata għall-ammonti inklużi fil-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 137(1)(a) tal-istess regolament, mingħajr ma jispeċifika liema hija r-rata ta' kofinanzjament applikabbli fil-każ ta' modifika tal-imsemmija rata wara l-preżentata tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet li jikkorrispondu għal sena finanzjarja partikolari.

26 Bl-istess mod, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018 ma tippreċiżax jekk il-modifika tar-rata ta' kofinanzjament għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operazzjonali kinitx applikabbli għas-sena finanzjarja 2017/2018, jew jekk kinitx applikabbli biss għas-sena finanzjarja li kienet għaddejja fid-data tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni u għas-snin finanzjarji sussegwenti.

27 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-punt 29 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1303/2013, "sena ta' kontabilità" hija ddefinita, b'mod partikolari għall-finijiet tar-raba' parti ta' dan ir-regolament, bħala l-perijodu mill-1 ta' Lulju ta' sena sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. F'dan il-każ, is-sena finanzjarja kienet mill-1 ta' Lulju 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018 u għalhekk kienet diġà ntemmet fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex jiġi ddeterminat liema hija r-rata ta' kofinanzjament applikabbli, fis-sens tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, fil-każ ta' modifika tal-imsemmija rata li seħħet wara l-preżentata tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-termini ta' din id-dispożizzjoni, il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2020, Ursa Major Services, C-814/18, EU:C:2020:27, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-formulazzjoni tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, dan huwa fformulat kif ġej:

"Fuq il-bażi tal-kontijiet aċċettati, il-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont li jintalab [mill-FEŻR, mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond ta' Koeżjoni] u mill-[Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEAMP)] għas-sena ta' kontabilità u l-aġġustamenti konsegwenti fir-rigward tal-pagamenti lill-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tqis:

a) l-ammonti fil-kontijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 137(1) u li għalih għandha tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament għal kull prijorità;

b) l-ammont totali ta' pagamenti magħmula mill-Kummissjoni matul dik is-sena ta' kontabilità li jikkonsisti minn:
   i) -ammont tal-pagamenti interim imħallsa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 130(1) u l-Artikolu 24; kif ukoll
   ii) l-ammont ta' prefinanzjament annwali mħallas taħt l-Artikolu 134(2)."

30 Kif ġie rrilevat fil-punt 25 iktar 'il fuq, l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 ma jinkludi ebda preċiżazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni *ratione temporis* ta' modifika tar-rata ta' kofinanzjament li seħħet wara l-aħħar talba għal ħlas intermedju relatata ma' sena finanzjarja, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' din is-sena finanzjarja. Madankollu, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-Kummissjoni tikkalkula l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR "għas-sena finanzjarja" ikkonċernata. Barra minn hekk, l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-imsemmi kalkolu, li jsemmu l-ewwel parti tal-punt (a) kif ukoll il-punt (b) tal-imsemmija dispożizzjoni, huma wkoll marbuta mas-sena finanzjarja li għaliha jirreferu l-kontijiet li kienu s-suġġett ta' approvazzjoni.

31 Fil-fatt, minn naħa, skont l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-"ammonti fil-kontijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 137(1)" ta' dan ir-regolament. Issa, din l-aħħar dispożizzjoni tiddefinixxi l-imsemmija ammonti bħala, b'mod partikolari, l-"ammont totali ta' nefqa eliġibbli rreġistrat fis-sistemi ta' kontabilità tal-awtorità ta' ċ-ertifikazzjoni li ġie inkluż fl-applikazzjonijiet ta' pagament [intermedju] sottomessi lill-Kummissjon f'konformità mal-Artikolu 131 u l-Artikolu 135(2) sal-31 ta' Lulju wara t-tmiem tas-sena ta' kontabilità"

32 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 139(6)(b) tar-Regolament Nru 1303/2013, il-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-" l-ammont totali ta' pagamenti magħmula [minnha] mill-Kummissjoni matul dik is-sena ta' kontabilità, inkluż, b'mod partikolari, l-" l-ammont tal-pagamenti interim imħallsa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 130(1) u l-Artikolu [ta' dan ir-regolament]".

33 Il-formulazzjoni tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 tindika għalhekk li l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR jirrigwardaw is-sena finanzjarja kkonċernata.

34 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, l-ewwel, għandu jiġi rrilevat li waħda mill-modifiki prinċipali introdotti mill-imsemmi regolament tikkonsisti fil-ħolqien ta' sistema ġdida ta' ġestjoni maqsuma tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej ibbażata fuq il-prinċipju ta' annwalità tal-kontijiet. Dan il-prinċipju huwa rifless fl-eżistenza ta' ċiklu annwali għad-dikjarazzjoni u l-kontroll tal-ispejjeż li għandu bħala l-uniku perijodu ta' referenza s-sena finanzjarja. Għall-kuntrarju, taħt ir-regolament fis-seħħ preċedentement, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU 2006, L 210, p. 25, rettifiki fil-ĠU 2006, L 239, p. 248; ĠU 2007, L 145, p. 38; ĠU 2007, L 164, p. 36, ĠU 2008 L 301, p. 40), applikabbli għall-perijodu ta' programmazzjoni 2007–2013, il-perijodu ta' referenza kien il-perijodu multiannwali ta' seba' snin.

35 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li, skont il-prinċipju tal-kontabbiltà annwali, il-proċeduri previsti mir-Regolament Nru 1303/2013 li jikkonċernaw kemm il-ġestjoni finanzjarja tal-ispejjeż sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni kif ukoll mill-FEŻR (ara t-tieni parti, Titolu IX, Kapitolu I, u r-raba' parti, Titolu II, Kapitolu I, tal-imsemmi regolament) li l-istabbiliment, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet (ara t-tieni parti, Titolu IX, Kapitolu II, u r-raba' parti, Kapitolu II tal-imsemmi regolament) iduru madwar il-kunċett tas-sena finanzjarja.

36 B'hekk, it-tielet, fir-rigward tal-proċedura relatata mal-ġestjoni finanzjarja tal-ispejjeż sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR, l-Artikolu 135(1) tar-Regolament Nru 1303/2013 jipprevedi li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tista' tippreżenta talbiet għal ħlas intermedju, konformement mal-Artikolu 131(1) ta' dan ir-regolament, dwar l-ammonti rreġistrati fis-sistema ta' kontabbiltà tagħha "fis-sena ta' kontabilità" ikkonċernata. Konformement mal-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament, din l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tissottometti l-applikazzjoni finali għal ħlas intermedju "sal-31 ta' Lulju wara t-tmien tas-sena ta' kontabilità preċedenti u, fi kwalunkwe każ, qabel l-ewwel applikazzjoni għal pagament interim għas-sena ta' kontabilità li jmiss".

37 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-aħħar talba għal ħlas intermedju ppreżentata mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kummissjoni għal sena finanzjarja partikolari sseħħ wara t-tmiem tal-imsemmija sena finanzjarja u tikkostitwixxi l-bażi għall-istabbiliment tal-kontijiet u għall-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR, skont l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013. Fil-fatt, l-aħħar talba għal ħlas intermedjarju tikkostitwixxi l-bażi għad-determinazzjoni kemm tal-ispejjeż eliġibbli meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 139(6)(a) tal-imsemmi regolament kif ukoll tal-ammont totali tal-ħlasijiet intermedji meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni skont il-punt (b) tal-imsemmi paragrafu 6.

38 B'hekk, minn naħa, l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013 jirreferi għall-Artikolu 137(1)(a) ta' dan ir-regolament li jirreferi, min naħa tiegħu, għall-Artikolu 131 u għall-Artikolu 135(2) tiegħu. Kif tippreċiża l-Kummissjoni, mill-Artikolu 131(1) tar-Regolament Nru 1303/2013 jirriżulta li l-aħħar talba għal ħlas intermedju tikkristallizza l-ammont totali kumulattiv tal-ispejjeż eliġibbli li ġew irreġistrati fis-sistema kontabbli tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni matul is-sena finanzjarja kkonċernata u ppreżentati għal pagament fil-kuntest ta' din is-sena finanzjarja. Din it-talba tagħlaq id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż eliġibbli li tikkorrispondi għas-sena finanzjarja kkonċernata peress li, wara l-preżentazzjoni tagħha, l-Istat Membru kkonċernat ma jistax jibqa' jippreżenta spejjeż eliġibbli għal ħlas għal din is-sena finanzjarja. L-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament, min-naħa tiegħu, jindika t-terminu għall-preżentata tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, jiġifieri mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju ta' jsegwi t-tmiem tas-sena finanzjarja preċedenti.

39 Il-qari flimkien tal-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013 mal-Artikolu 137(1) (a) u l-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament, li jirreferu suċċessivament għal xulxin, jindika b'hekk li l-ispejjeż eliġibbli meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR huma dawk li ġew irreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni matul is-sena finanzjarja kkonċernata u ppreżentati fl-aħħar talba għal ħlas intermedju. Issa, l-ispejjeż eliġibbli u r-rata ta' kofinanzjament, li tapplika għall-imsemmija spejjeż, huma żewġ elementi intrinsikament marbuta li abbażi tagħhom huwa kkalkolat l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR. B'hekk, peress li l-ispejjeż eliġibbli kollha relatati ma' sena finanzjarja ġew deċiżi fil-mument tal-aħħar talba għal ħlas intermedju relatata ma' din is-sena finanzjarja, jidher koerenti mal-istruttura tar-Regolament Nru 1303/2013 li d-determinazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-imsemmija spejjeż issegwi l-istess loġika, b'tali mod li din ir-rata tkun dik li kienet fis-seħħ sa mhux iktar tard mill-mument tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju.

40 Min-naħa l-oħra, konformement mal-Artikolu 139(6)(b) tar-Regolament Nru 1303/2013, meta tikkalkola l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-ammont totali tal-ħlasijiet imwettqa minnha "matul dik is-sena finanzjarja", li jinkludi b'mod partikolari l-ammont totali tal-ħlasijiet intermedji magħmula minnha skont l-Artikolu 130(1) tal-imsemmi regolament. Skont din l-aħħar dispożizzjoni Il-Kummissjoni għandha tirrimborsa bħala pagamenti intermedji 90% tal-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament stabbilit għal kull assi prijoritarju fid-deċiżjoni li tadotta l-programm għall-ispejjeż eliġibbli għall-assi prijoritarju inkluż fit-talba għal ħlas.

41 Din l-aħħar dispożizzjoni tikkonferma għalhekk ir-rabta intrinsika li tgħaqqad l-ispejjeż eliġibbli li jinsabu fit-talbiet ta' ħlas intermedju mar-rata ta' kofinanzjament applikabbli għalihom. B'mod partikolari, ma huwiex ikkontestat li kull waħda minn dawn it-talbiet għal ħlas tieħu inkunsiderazzjoni t-total kumulattiv tal-ispejjeż eliġibbli rreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni sa din it-talba u li l-ħlas intermedju li għandu jsir għat-talba inkwistjoni jikkorrispondi għad-differenza bejn, minn naħa, l-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli rreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà sa din it-talba, li għaliha tapplika r-rata ta' kofinanzjament fis-seħħ f'dak il-mument, u, min-naħa l-oħra, il-pagamenti intermedji diġà mwettqa. Dan jimplika, li ma huwiex ikkontestat mir-Rumanija, li modifika eventwali tar-rata ta' kofinanzjament li sseħħ sad-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju relatata ma' sena finanzjarja tittieħed inkunsiderazzjoni għal din is-sena finanzjarja u tapplika għall-ispejjeż eliġibbli kollha matul din is-sena. B'hekk, l-aħħar talba għal ħlas intermedju li tikkonsolida kemm l-ammont totali akkumulat tal-ispejjeż eliġibbli għas-sena finanzjarja inkwistjoni kif ukoll ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal dawn l-ispejjeż kollha.

42 Ir-raba', fir-rigward tal-proċedura dwar l-istabbiliment, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-premessa 118 tar-Regolament Nru 1303/2013 tippreċiża li, fil-kuntest tal-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-kontijiet tal-programmi operattivi għandhom jiġu vverifikati u approvati "kull sena".

43 Għal dan il-għan, l-ewwel, konformement mal-Artikolu 138 tar-Regolament Nru 1303/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 63(5) u (7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36), l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta lill-Kummissjoni l-kontijiet ta' programm operattiv għal sena ta' kontabbiltà partikolari sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar tas-sena ta' wara.

44 Il-kontijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat għandhom jinkludu l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 137(1) tar-Regolament Nru 1303/2013, li hija artikolata b'riferiment għas-sena finanzjarja kkonċernata. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-imsemmija kontijiet, li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni għal kull programm operattiv, "għandhom ikopru s-sena finanzjarja" u jinkludu, għal kull prijorità u, jekk ikun il-każ, għal kull fond u kategorija ta' reġjuni, b'mod partikolari, l-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli rreġistrat fis-sistemi tal-kontabbiltà tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni li ġie inkluż fit-talbiet għal ħlas ippreżentati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 131 u l-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament, "sal-31 ta' Lulju wara t-tmiem tas-sena ta' kontabilità".

45 Barra minn hekk, il-kontijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni flimkien ma' lista ta' dokumenti supplimentari elenkati fl-Artikolu 138 tar-Regolament Nru 1303/2013 u li jirrigwardaw, huma wkoll, is-sena finanzjarja preċedenti.

46 It-tieni skont l-Artikolu 139(1) u (3) tar-Regolament Nru 1303/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 84 ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina d-dokumenti kkomunikati mill-Istat Membru kkonċernat u tapprova l-kontijiet ippreżentati minnu jekk hija tista' tikkonkludi li huma eżawrjenti, l-eżattezza tagħhom u l-veraċità tagħhom, "[s]al-31 ta' Mejju tas-sena ta' wara tmiem il-perjodu kontabilistiku".

47 Huwa abbażi tal-kontijiet hekk approvati li l-Kummissjoni għandha tikkalkula l-ammont li jintalab mill-Fondi ta' Koeżjoni u mill-FEŻR "għas-sena ta' kontabilità" kkonċernata u l-aġġustamenti konsegwenti fir-rigward tal-ammonti mogħtija lill-Istat Membru, konformement mal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-istruttura tar-Regolament Nru 1303/2013, u, għaldaqstant, il-kuntest leġiżlattiv li jagħmel parti minnu l-Artikolu 139(6) tiegħu, hija bbażata fuq il-prinċipju ta' annwalità tal-kontijiet kemm f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni finanzjarja tal-ispejjeż sostnuti mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-istabbiliment, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet u li l-aħħar talba għal ħlas intermedju relatata ma' sena finanzjarja għandha importanza partikolari f'dan ir-rigward, sa fejn hija tikkristallizza l-ammont totali akkumulat ta' spejjeż eliġibbli relatata ma' din is-sena finanzjarja, li għaliha għandha tapplika r-rata ta' kofinanzjament fis-seħħ f'dak il-mument.

49 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1303/2013, mill-premessa 10 tiegħu jirriżulta li dan ir-regolament huwa intiż b'mod partikolari, skont l-Artikolu 317 TFUE u fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża, li jiffissa l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltajiet tagħha ta' implementazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea u li tipprevedi r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kooperazzjoni. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tiżgura li l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej jintużaw mill-Istati Membri b'mod legali u regolari u skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), peress li l-imsemmi Regolament Nru 966/2012 tħassar u ġie ssostitwit bir-Regolament 2018/1046.

50 Issa, il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jeżiġi b'mod partikolari li l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej jintużaw mill-Istati Membri b'mod konformi mal-prinċipji u mar-rekwiżiti legali li fuqhom hija bbażata l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni. F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punt 48 iktar 'il fuq, wieħed mill-prinċipji gwida li jikkostitwixxu l-istruttura stess tar-Regolament Nru 1303/2013 huwa dak ta' annwalità tal-kontijiet. B'hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra li l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej tkun żgurata aħjar fuq il-bażi tal-obbligu, għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni, rispettivament, li jippreżentaw u japprovaw il-kontijiet tal-programmi operattivi fuq bażi annwali. Issa, li kieku għall-ispejjeż inkorsi matul sena finanzjarja u rreġistrati fis-sistema kontabbli tiġi applikata rata ta' kofinanzjament adottata wara l-aħħar talba għal ħlas intermedju li għalhekk ma kinitx fis-seħħ la matul is-sena finanzjarja inkwistjoni u lanqas fid-data tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, dan iwassal, essenzjalment, sabiex jinkiser il-prinċipju ta' annwalità kontabbli.

51 Għaldaqstant, minn interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tar-Regolament Nru 1303/2013 jirriżulta li r-rata ta' kofinanzjament applikabbli għall-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR għal sena finanzjarja partikolari, konformement mal-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013, hija dik fis-seħħ fid-data tat-tressiq, mill-Istat Membru kkonċernat, tal-aħħar talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għas-sena finanzjarja kkonċernata.

52 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-argumenti ppreżentati mir-Rumanija insostenn tal-argument li r-rata ta' kofinanzjament applikabbli fis-sens tal-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013 hija dik fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

53 L-ewwel, ir-Rumanija ma tistax tislet argument mill-fatt li, skont l-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u tal-FEŻR huwa kkalkolat "fuq il-bażi tal-kontijiet aċċettati".

54 Fil-fatt, fl-assenza ta' preċiżjoni, fl-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, fir-rigward tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli meta din tiġi modifikata wara t-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet li jikkorrispondu għal sena finanzjarja partikolari, il-fatt li l-ammont imħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR huwa kkalkolat biss wara l-approvazzjoni tal-kontijiet ma jfissirx li r-rata applikabbli għandha tkun dik fis-seħħ fil-mument ta' din l-approvazzjoni.

55 It-tieni, l-argument tar-Rumanija li d-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju tikkostitwixxi mument ta' riferiment "aleatorju" jista' biss jiġi miċħud, għar-raġunijiet esposti fil-punti 37 sa 40 iktar 'il fuq.

56 Madankollu, għandu jingħad ukoll li r-Rumanija tindika ġustament li teżisti differenza ta' massimu ta' xahar, bejn id-data tat-tmiem tas-sena finanzjarja (it-30 ta' Ġunju ta' sena) u dik tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju (mhux iktar tard mill-31 ta' Lulju tal-istess sena). Madankollu, din id-differenza ma tfissirx li t-teħid inkunsiderazzjoni tad-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' annwalità tal-kontijiet. Fil-fatt, l-imsemmija differenza, limitata għal massimu ta' xahar, hija spjegata minn restrizzjonijiet ta' natura amministrattiva u teknika, peress li l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni għandhom, evidentement, bżonn ta' ċertu żmien wara t-tmiem ta' sena finanzjarja sabiex jiġbru u jivverifikaw l-aħħar informazzjoni relatata magħha u sabiex jippreparaw l-imsemmija talba. Għal dan il-għan, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies neċessarju li jagħti xahar addizzjonali lill-imsemmija awtoritajiet sabiex jippreżentaw l-aħħar talba għal ħlas intermedju, wara t-tmiem tas-sena finanzjarja.

57 It-tielet, ir-Rumanija ssostni li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1303/2013 jikkonċernaw l-aħħar talba għal ħlas intermedju, minn naħa, u l-Artikolu 139 ta' dan ir-regolament, min-naħa l-oħra, jinsabu f'kapitoli distinti tal-imsemmi regolament u għandhom għanijiet distinti, peress li tal-ewwel jaqgħu fi stadju proċedurali intermedju ta' natura provviżorja u t-tieni jaqgħu fi stadju proċedurali finali li

jinkludi garanziji proċedurali. B'hekk, il-proċeduri relatati ma' sena finanzjarja partikolari jibqgħu miftuħa sal-mument tal-approvazzjoni tal-kontijiet u tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR.

58 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, kif tenfasizza ġustament ir-Rumanija, li l-proċedura dwar l-istabbiliment, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet għal sena finanzjarja partikolari għandha importanza kruċjali għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR. Fil-fatt, din il-proċedura tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat. Huwa wkoll fi tmiem l-approvazzjoni tal-kontijiet li l-Kummissjoni twettaq l-approvazzjoni tal-prefinanzjament annwali kkonċernat u għal-ħlas tal-ammonti supplimentari eventwali, konformement mal-Artikolu 139(7) tar-Regolament Nru 1303/2013.

59 Madankollu, għalkemm jista' jkun importanti, l-istadju tal-proċedura inkwistjoni huwa intiż biss għat-twettiq ta' verifika *ex post* tal-ispejjeż li ġew inklużi mill-Istat Membru kkonċernat fit-talbiet tiegħu għal ħlas intermedju relatati ma' sena finanzjarja. Fil-fatt, matul dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat ma jistgħux, bħala regola ġenerali, iżidu mal-kontijiet li għandhom ikunu s-suġġett ta' approvazzjoni tal-elementi li jkunu seħħew wara l-għeluq tas-sena finanzjarja inkwistjoni. B'hekk dan huwa stadju proċedurali ta' verifika tal-informazzjoni relatata mal-perijodu kopert mis-sena finanzjarja inkwistjoni u riprodotta fl-aħħar talba għal ħlas intermedju. Konsegwentement, l-imsemmi stadju huwa ta' natura formali u għalhekk ma jistax iwassal, bħala prinċipju, għall-kontabbiltà tal-ispejjeż inkorsi barra s-sena finanzjarja inkwistjoni.

60 Barra minn hekk, huwa għal din ir-raġuni li, kif ġie rrilevat fil-punt 39 iktar 'il fuq, l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 137(1)(a) u mal-Artikolu 135(2) tal-imsemmi regolament, li jirreferu suċċessivament għal xulxin, jindika li l-ispejjeż eliġibbli meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR huma dawk li ġew irreġistrati fis-sistema kontabbli tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni matul is-sena finanzjarja kkonċernata u ppreżentati fl-aħħar talba għal ħlas intermedju. Ir-rata ta' kofinanzjament li tapplika għall-imsemmija spejjez għandha għalhekk issegwi l-istess loġika, fl-assenza ta' kwalunkwe preċiżazzjoni oħra f'dan ir-rigward mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

61 Barra minn hekk, din il-konklużjoni hija konformi mal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti ġuridiċi. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ir-regoli sostantivi huma normalment interpretati fis-sens li jirreferu għal sitwazzjonijiet li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom biss sa fejn jirriżulta b'mod ċar mill-kliem, mill-għanijiet jew mill-istruttura tagħhom li tali effett għandu jiġi attribwit lilhom (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, O'Brien, C-432/17, EU:C:2018:879, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 B'hekk, regola ta' dritt ġdida tapplika sa mid-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxiha u li, għalkemm ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li tnisslu u ġew definittivament konklużi qabel dan id-dħul fis-seħħ, hija tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li bdiet taħt il-liġi l-antika kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Dan ikun differenti, u suġġett għall-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti legali, jekk ir-regola l-ġdida jkollha magħha dispożizzjonijiet speċifiċi li jiddeterminaw, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni *ratione temporis* tagħha (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2018, O'Brien, C-432/17, EU:C:2018:879, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punti 24 sa 26 iktar 'il fuq, la d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-2018 u lanqas ir-Regolament Nru 1303/2013 ma jinkludu dispożizzjoni partikolari li tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni *ratione temporis* ta' modifika tar-rata ta' kofinanzjament bħal dik introdotta permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

64 Għaldaqstant, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq jirriżulta li r-regola li tistabbilixxi rata ġdida ta' kofinanzjament, li tikkostitwixxi regola sostantiva, peress li tiddetermina l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR, tapplika mid-dħul fis-seħħ tal-att li jistabbilixxiha, jiġifieri mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018, it-12 ta' Diċembru 2018, filwaqt li huwa ppreċiżat li din ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li tnisslu u ġew definittivament konklużi qabel din id-data.

65 Issa, f'dak il-mument, is-sitwazzjoni legali tar-Rumanija fir-rigward tal-ispejjeż sostnuti matul is-sena finanzjarja 2017/2018 kienet diġà definittivament konkluża, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq. Fil-fatt, peress li l-imsemmija sena finanzjarja ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2018 u peress li l-aħħar talba għal ħlas intermedju ntbagħtet fis-6 ta' Lulju 2018, l-ispejjeż eliġibbli kollha għal din is-sena finanzjarja kienu ġew definittivament irreġistrati u ppreżentati għal pagament. L-approvazzjoni tal-argument tar-Rumanija twassal għalhekk għall-applikazzjoni retroattiva għall-ispejjeż diġà sostnuti, irreġistrati u ppreżentati għall-ħlas ta' rata ta' kofinanzjament adottata sussegwentement u applikabbli, minħabba dan il-fatt, għas-sena finanzjarja segwenti.

66 Ir-raba', l-argument li tislet ir-Rumanija mill-Artikolu 137(2) tar-Regolament Nru 1303/2013 lanqas ma jista' jintlaqa'. Skont din id-dispożizzjoni, spiża li tinsab f'talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għal sena finanzjarja tista' tiġi eskluża minn Stat Membru mill-kontijiet ta' din is-sena finanzjarja jekk ikun hemm evalwazzjoni matul il-legalità u r-regolarità tagħha. F'tali sitwazzjoni, konformement mal-imsemmija dispożizzjoni, l-ispiża kollha jew parti minnha stabbilita sussegwentement bħala legali u regolari tista' tinsab f'talba għal ħlas intermedju relatata mas-snin finanzjarji sussegwenti.

67 Il-possibbiltà li tiġi eskluża mill-kontijiet spiża li tkun dehret f'talba għal ħlas intermedju minħabba li l-legalità u r-regolarità tagħha jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni pendenti hija koerenti mal-għan stess tal-proċedura dwar l-istabbiliment, l-eżami u l-approvazzjoni tal-kontijiet, li, kif ġie rrilevat fil-punt 58 iktar 'il fuq, hija intiża preċiżament sabiex tivverifika l-kompletezza, l-eżattezza u l-veraċità tal-infiq li ġie inkluż mill-Istat Membru kkonċernat fit-talbiet tiegħu għal ħlas intermedju. Il-possibbiltà, eċċezzjonali, għall-awtorità ta' ċertifikazzjoni, li tinkludi tali spiża f'talba għal ħlas intermedju relatata ma' sena finanzjarja sussegwenti tippermetti lill-Istat Membru li jikseb ir-rimbors dwar din l-ispiża ladarba jkun ġie stabbilit li din kienet legali u regolari.

68 Issa, din il-possibbiltà ma tistax twaqqa' l-konklużjoni li l-aħħar talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għal sena finanzjarja tikkristallizza l-ammont totali akkumulat tal-ispejjeż eliġibbli li ġew irreġistrati fis-sistema tal-kontabbiltà tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni matul is-sena finanzjarja kkonċernata u ppreżentati għal pagament fil-kuntest ta' din is-sena finanzjarja, li għalih jirreferi l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013. Fil-fatt, anki jekk, konformement mal-Artikolu 137(2) ta' dan ir-regolament, fil-każ ta' dubju dwar il-legalità u r-regolarità tagħha, spiża li tinsab f'talba għal ħlas intermedju għal sena finanzjarja partikolari hija, l-ewwel nett, eskluża mill-kontabbiltà ta' din is-sena finanzjarja u, sussegwentement, inkluża f'talba għal ħlas intermedja marbuta ma' sena finanzjarja sussegwenti, peress li l-aħħar talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għal dan is-sena finanzjarja ulterjuri tkompli tesprimi l-ammont totali akkumulat tal-ispejjeż eliġibbli li ġew ippreżentati għal pagament matul din is-sena finanzjarja.

69 Għall-istess raġunijiet, il-fatt li, konformement mal-Artikolu 135(1) tar-Regolament Nru 1303/2013, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tista', jekk tqis li huwa neċessarju, tirreġistra spiża rreġistrata fis-sistema tal-kontabbiltà tagħha matul sena finanzjarja partikolari mhux f'talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għal din is-sena finanzjarja, iżda f'talba għal ħlas intermedju li tikkorrispondi għal sena finanzjarja ulterjuri, lanqas ma jista' jikkontesta l-konklużjoni li l-mument ta' riferiment għad-determinazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli skont l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013 huwa d-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju.

70 Il-ħames, ir-Rumanija ġustament tenfasizza li l-gwida Egesif, li l-punt 8.1 tagħha jipprevedi li, "[f]uq il-bażi tal-kontijiet approvati, l-ammont li għandu jitħallas mill-Fondi […] għandu jiġi kkalkolat billi tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament fis-seħħ fid-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedja", hija nieqsa minn saħħa vinkolanti. Madankollu, dan l-argument huwa ineffettiv. Fil-fatt, il-konklużjoni li r-rata ta' kofinanzjament applikabbli skont l-Artikolu 139(6)(a) tar-Regolament Nru 1303/2013 hija dik fis-seħħ fid-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju tirriżulta minn interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-imsemmi regolament, u mhux mil-linji gwida pprovduti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Gwida Egesif, li la jorbtu fil-fatt lill-qorti tal-Unjoni u lanqas lill-Istati Membri.

71 Is-sitt, sa fejn ir-Rumanija tallega wkoll ksur tal-Artikolu 120(3) tar-Regolament Nru 1303/2013, għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni sempliċement tistabbilixxi l-limiti massimi tar-rati ta' kofinanzjament tal-programmi operattivi li jaqgħu taħt l-objettiv "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi". Issa, ma huwiex ikkontestat li r-rata ta' kofinanzjament applikata f'dan il-każ ma taqbiżx il-limiti massimi previsti f'din id-dispożizzjoni.

72 Minn dan isegwi li l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

73 Ir-Rumanija ssostni, essenzjalment, li d-dispożizzjonijiet ċari tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018 li jiffissaw ir-rata ta' kofinanzjament għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operazzjonali għal 85 % mingħajr distinzjoni bejn is-snin finanzjarji, minn naħa, u l-assenza ta' dispożizzjoni speċifika fir-Regolament Nru 1303/2013 li ssostni l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, ħolqu, mar-Rumanija, aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-imsemmija assi prijoritarji tal-programm operazzjonali fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont operattiv li għamdu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR għas-sena finanzjarja 2017/2018. Konsegwentement, l-applikazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tar-rata ta' kofinanzjament ta' 75 %, stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015, għal din is-sena finanzjarja tmur kontra l-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

74 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Rumanija.

75 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jippreżupponi li jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet. L-ewwel, garanziji preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti, min-naħa ta' sorsi awtorizzati u affidabbli, għandhom ikunu ngħataw lill-persuna kkonċernata mill-amministrazzjoni. It-tieni nett, dawn il-garanziji għandhom ikunu tali li jnisslu aspettattiva leġittima fil-persuna li lilha dawn ikunu indirizzati. It-tielet, l-assigurazzjonijiet mogħtija għandhom ikunu konformi mar-regoli applikabbli (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Probelte vs Il-Kummissjoni, T-67/18, EU:T:2019:873, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma pprovdietx lir-Rumanija garanziji preċiżi, inkundizzjonati u konkordanti li r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018, ser tiġi applikata fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont li għandu jitħallas mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR għas-sena finanzjarja 2017/2018.

77 Fil-fatt, l-ewwel, ebda element tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018 ma jindika li r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % hija applikata għas-sena finanzjarja 2017/2018. Kif ġie rrilevat fil-punt 26 iktar 'il fuq, l-imsemmija deċiżjoni ma tinkludix indikazzjoni dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* ta' din ir-rata ta' kofinanzjament. Dan il-fatt ma jistax jikkostitwixxi assigurazzjoni preċiża, inkundizzjonata u konkordanti min-naħa tal-Kummissjoni li l-imsemmija rata tapplika għal din is-sena finanzjarja.

78 It-tieni, ir-Rumanija ma tista' tinvoka ebda aspettattiva leġittima dwar il-fatt li r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % tiġi applikata għas-sena finanzjarja 2017/2018, sa fejn il-punt 8.1 tal-gwida Egesif jindika b'mod ċar li l-ammonti li għandhom jitħallsu mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEŻR huma kkalkolati billi tiġi applikata r-rata ta' kofinanzjament fis-seħħ fid-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedju. Għandu jiġi rrilevat li l-ewwel verżjoni tal-imsemmija gwida, li l-punt 8.1 tagħha kien diġà jinkludi din il-preċiżazzjoni fir-rigward tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli, kienet ġiet stabbilita u mgħarrfa lill-Istati Membri sa mill-2016, u għalhekk qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Għalkemm, kif ġie enfasizzat fil-punt 70 iktar 'il fuq, l-imsemmija gwida la torbot lill-qorti tal-Unjoni u lanqas lill-Istati Membri, hija tindika madankollu l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, b'tali mod li tista' tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Istat Membru kkonċernat setax ikollu aspettattivi leġittimi fir-rigward tal-approċċ li seta' jistenna min-naħa tal-Kummissjoni.

79 It-tielet, permezz ta' ittra tas-17 ta' Mejju 2019 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni espressament irrifjutat li tapplika għas-sena finanzjarja 2017/2018 ir-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, billi rreferiet għall-punt 8.1 tal-Gwida Egesif.

80 Ir-raba', ir-Rumanija tinvoka s-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2016, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni (T-141/15, mhux ippubblikata, EU:T:2016:621, punt 97), li fiha l-Qorti Ġenerali indikat li l-assenza ta' reazzjoni tal-Kummissjoni f'terminu stabbilit ma kinitx ekwivalenti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni u ma setgħetx tikkostitwixxi assigurazzjoni "preċiża" fis-sens tal-ġurisprudenza. Skont ir-Rumanija, skont interpretazzjoni *a contrario* ta' din is-sentenza, għandu jiġi konkluż li, meta istituzzjoni tal-Unjoni tesprimi pożizzjoni f'att li jipproduċi effetti legali, bħad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-2018, l-Istati Membri jistgħu jinvokaw il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi. Madankollu, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punt 77 iktar 'il fuq, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018 ma indikatx li r-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % kienet ser tiġi applikata għas-sena finanzjarja 2017/2018.

81 Minn dan isegwi li t-tieni parti tal-ewwel motiv għandha wkoll tiġi miċħuda bħala infondata.

82 Konsegwentement, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

83 It-tieni motiv jinkludi żewġ partijiet, l-ewwel waħda bbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE u, it-tieni waħda, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

Fuq it-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 KE

84 Ir-Rumanija ssostni, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement motivata, peress li la ssemmi l-bażi legali u lanqas ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni applikat, għas-sena finanzjarja 2017/2018, ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, kif stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015, minflok ir-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

85 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Rumanija.

86 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni li tkun adottat l-att, b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha.

Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tiegħu u tar-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat. Dan japplika wisq iżjed meta l-Istati Membri kienu strettament assoċjati mal-proċess tal-preparazzjoni tal-att kontenzjuż u għaldaqstant jafu r-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat dan l-att (ara s-sentenza tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota tas-sajd tal-pixxispad tal-Mediterran), C-611/17, EU:C:2019:332, punti 40 u 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu, kif issostni r-Rumanija, li d-deċiżjoni kkontestata la ssemmi l-bażi legali u lanqas ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni applikat, għas-sena finanzjarja 2017/2018, ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv, stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2015, minflok ir-rata ta' kofinanzjament ta' 85 % stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018, xorta jibqa' l-fatt li dan l-Istat Membru, peress li kien assoċjat mill-qrib mal-proċess ta' redazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kien jaf bir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

88 Fil-fatt, mill-atti tal-proċess jirriżulta li, matul il-laqgħa tal-15 ta' Jannar 2019 (ara l-punt 6 iktar 'il fuq) u fil-laqgħa tas-17 ta' Mejju 2019 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni spjegat l-intenzjoni tagħha li tirrifjuta li tapplika l-imsemmija rata ta' 85 % billi rreferiet b'mod partikolari għall-punt 8.1 tal-Gwida Egesif, li jfakkar li r-rata ta' kofinanzjament hija applikata għall-ispejjeż ta' sena finanzjarja partikolari u jippreċiża li r-rata ta' kofinanzjament applikabbli hija dik fis-seħħ fid-data tat-tressiq tal-aħħar talba għal ħlas intermedja.

89 Fil-fatt, minn naħa, ir-Rumanija tesponi li, matul il-laqgħa tal-15 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni indikat li l-linji gwida tal-gwida Egesif kienu jipprekludu l-applikazzjoni tar-rata l-ġdida ta' kofinanzjament li tirriżulta mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-2018.

90 Min-naħa l-oħra, fl-ittra tagħha tas-17 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni spjegat li, fil-kuntest tal-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u skont il-linji gwida tal-gwida Egesif, kull modifika ta' rata ta' kofinanzjament tapplika biss għas-snin finanzjarji kurrenti u futuri. Il-Kummissjoni ppreċiżat li, matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2007–2013, it-talbiet għal ħlas kienu kumulattivi u kienu jinkludu l-ispejjeż sostnuti sa mill-bidu ta' dan il-perijodu ta' programmazzjoni, u din hija r-raġuni għaliex bidla fir-rata ta' kofinanzjament setgħet tapplika għall-ispejjeż kollha ddikjarati matul l-imsemmi perijodu ta' programmazzjoni. Issa, skont il-Kummissjoni, dan ma kienx iktar possibbli fil-kuntest tal-perijodu ta' programmazzjoni 2014–2020 peress li, skont ir-Regolament Nru 1303/2013, it-talbiet għal ħlas huma kumulattivi biss matul sena finanzjarja partikolari, u li prattika oħra tmur kontra l-prinċipju ta' annwalità tal-kontijiet.

91 L-argument tar-Rumanija li s-sempliċi riferiment għall-gwida Egesif matul il-proċedura amministrattiva ma jistax jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti, peress li l-motivazzjoni għandha tiġi pprovduta fid-deċiżjoni kkontestata, ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, ir-riferiment li sar għall-imsemmija gwida huwa element li jagħmel parti mill-kuntest li fih ġiet adottata d-deċiżjoni kkontestata, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 86 iktar 'il fuq. Fil-fatt, peress li ġew mgħarrfa l-persuni kkonċernati, il-linji gwida interni adottati mill-Kummissjoni jiffaċilitaw il-fehim tad-deċiżjoni kkontestata u jiffurmaw, indirettament, parti mill-motivazzjoni tagħha.

92 Ir-Rumanija ssostni wkoll li l-ġurisprudenza li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (C-335/03, EU:C:2005:231, punt 84), li skontha l-motivazzjoni ta' deċiżjoni għandha titqies li hija suffiċjenti peress li l-Istat Membru li huwa d-destinatarju tagħha kien strettament assoċjat mal-proċess ta' redazzjoni ta' din id-deċiżjoni u li kien jaf bir-raġunament tal-Kummissjoni, ma tapplikax f'dan il-każ, minħabba, b'mod partikolari, ir-reazzjoni "tardiva" u "eważiva" tal-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva.

93 Issa, indipendentement mill-aġir tal-Kummissjoni, xorta jibqa' l-fatt li, minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-awtoritajiet Rumeni kienu jafu r-raġuni għaliex il-Kummissjoni kienet applikat ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 % għall-ewwel u t-tieni assi prijoritarju tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018. B'hekk, fl-ittra tagħhom tat-8 ta' Marzu 2019, l-imsemmija awtoritajiet ikkontestaw ir-rifjut tal-Kummissjoni li tapplika r-rata l-ġdida ta' kofinanzjament billi spjegaw li dan ir-rifjut kien ibbażat b'mod żbaljat fuq il-linji gwida tal-gwida Egesif. Barra minn hekk, ir-Rumanija tenniet din il-kritika fir-rikors billi sostniet li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta applikat ir-rata ta' kofinanzjament ta' 75 %, fis-seħħ fil-mument tal-aħħar talba għal ħlas intermedju. Fl-aħħar nett, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-argumenti kollha ppreżentati mir-Rumanija insostenn ta' dan ir-rikors, b'mod partikolari fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 139(6) tar-Regolament Nru 1303/2013, juru li hija kienet f'pożizzjoni li tkun taf u teżamina l-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata.

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

95 Ir-Rumanija ssostni, essenzjalment, li, billi adottat pożizzjoni "eva żiva" matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

96 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Rumanija.

97 Il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba huwa stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, li skontu kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni. Dan id-dritt jinkludi, b'mod partikolari, dak ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha negattivament.

98 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal smigħ ma jinkludix id-dritt għal dibattitu kontradittorju bejn l-awtur tal-atti kkontestati u d-destinatarju tagħhom, iżda jiżgura lill-persuni kollha l-possibbiltà li jesprimu, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tagħhom matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħhom (ara s-sentenza tat-3 ta' Lulju 2018, Transtec vs Il-Kummissjoni, T-616/15, EU:T:2018:399, punt 145 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 F'dan il-każ, l-ewwel, hemm lok li jiġi rrilevat li l-argument tar-Rumanija li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, hija ma kellhiex il-possibbiltà li tkun taf il-perspettiva tal-Kummissjoni u li tieħu pożizzjoni f'dan ir-rigward huwa fattwalment infondat. Minn naħa, il-perspettiva tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rata ta' kofinanzjament applikabbli kienet magħrufa mir-Rumanija sa mhux iktar tard mil-laqgħa tal-15 ta' Jannar 2019, kif ġie kkonstatat fil-punti 87 sa 90 iktar 'il fuq. Għaldaqstant, il-fatt li l-ittra tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2019 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq) waslet ir-Rumanija sitt ijiem qabel l-adozzjoni fid-deċiżjoni kkontestata hija irrilevanti. Min-naħa l-oħra, kif irrilevat il-Kummissjoni, ir-Rumanija kellha l-possibbiltà li tesprimi l-opinjoni tagħha f'dan ir-rigward matul il-proċedura amministrattiva, b'mod partikolari matul l-imsemmija laqgħa tal-15 ta' Jannar 2019 (ara l-punt 6 iktar 'il fuq).

100 It-tieni, ir-Rumanija ma ssostanzjatx l-argument tagħha li l-Kummissjoni adottat aġir diskriminatorju billi approvat il-kontijiet tal-programm operattiv għas-sena finanzjarja 2017/2018 fit-terminu regolatorju, filwaqt li, għal programmi oħra, il-Kummissjoni "estendiet l-approvazzjoni tal-kontijiet".

Fil-fatt, ir-Rumanija ma wrietx li, fil-kuntest ta' dawn il-"programmi l-oħra", il-Kummissjoni applikat rata ta' kofinanzjament emendata wara l-preżentazzjoni tal-aħħar talba għal ħlas intermedju, iżda qabel l-approvazzjoni tal-kontijiet li jikkorrispondu għal sena finanzjarja partikolari.

101 Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha wkoll tiġi miċħuda bħala infondata.

102 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat u, konsegwentement, ir-rikors fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

103 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

104 Peress li r-Rumanija tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-Rumanija hija kkundannata għall-ispejjeż.

Van der Woude Kornezov Buttigieg

Kowalik-Bańczyk Hesse

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' April 2021.

Firem